MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 568/1997/1

Gaetano Falzon
vs
Chairman Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988/1990/1993/1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa ilu jahdem mal-Bank of Valletta mill-1976 u ilu fil-grad ta' Supervisor II/A mill-1987. Illi huwa ghalkemm kellu l-grad ta' Supervisor A kemm-il darba kien responsabbli mit-tmexxija ta' dipartiment jew sezzjonijiet. Illi huwa kemm ilu jahdem il-bank qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu imma dejjem kellu kliem ta' tifhir

dwar ix-xoghol li jaghmel mis-superjuri tieghu. Dan seta' jigi ivverifikat mill-istaff appraisal reports. Illi huwa dejjem ghamel ix-xoghol bl-akbar abilita`, efficjenza u lejalta`.

Illi huwa mill-bidu nett ta' l-impjieg tieghu mal-Bank of Valletta dejjem kellu responsabilitajiet akbar mill-grad li kellu. Illi huwa kien wiehed minn team li kellu jiehu hsieb li l-Premises Department ikun dipartiment organizzat u jigu implementati proceduri adegwati. Illi kemm il-General Manager kif ukoll Assistant General Manager ta' dak iz-zmien, kienu irrimarkaw pozittivament dwar dak li kien irnexxielu jaghmel ir-rikorrent fil-premises department.

Illi huwa kellu r-responsabbilita` biex imexxi d-dipartiment gdid, li kien il-foreign cash department, ghalkemm ma kellux il-grad mitlub. Illi huwa kien jiehu hsieb li l-introduzzjoni ta' dan is-servizz gdid li kien qieghed joffri l-bank kellu jilhaq l-ghan principali tieghu. Illi huwa kien responsabbli fl-organizzazzjoni tat-trasferimenti ta' flus lejn pajjizi barranin. Illi huwa kien stabbilixxa sistemi adegwati biex isiru d-deals tax-xiri u l-bejgh tal-flus barranin u jaghmel ukoll kuntatti varji ma' banek barranin li ghenu biex il-Bank of Valletta jkun jista jiddilja regolarment il-bejgh tal-lira Maltija.

Illi huwa kien ukoll mitlub biex flimkien ma' numru zghir iehor ta' haddiema li gew maghzulin minhabba l-esperjenza taghhom, jorganizza d-documentary Credits Centre. Illi hawnhekk ukoll sar xoghol delikat li kien jitlob hafna attenzjoni minhabba li f'dan id-dipartiment isir xoghol ta' natura delikata hafna u riskjuza.

Illi huwa minhabba l-fatt li hadem f'diversi dipartimenti kif ukoll fi branches tal-Bank of Valletta akkumula esperjenza vasta fil-foreign u fil-lokal u kif ukoll f'oqsma ohra. Illi huwa wkoll ghamel xoghol ta' internal control officer u super user. Illi minhabba l-fatt, li f'kull qasam li kien fih ir-rikorrent dejjem hadem bl-aktar attenzjoni u abilita`, is-servizzi tieghu kemm-il darba gew mitluba minn Managers biex huwa jmur jahdem fil-branch jew dipartiment taghhom.

Illi kull darba li hargu l-promozzjonijiet ghall-gradi ta' Assistant Managers jew Managers, illi huwa ghalkemm kellu l-esperjenza, is-servizz u l-kwalifiki daqs dawk li saru jew aktar, il-promozzjoni ghal wiehed minn dawn il-gradi ma nghatatlux.  Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu wkoll ghax il-promozzjoni haduha haddiema li ma kellhomx ir-responsabbilita` kbira li kellu r-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager (ghax il-grad ta' Assistant Manager gie abbolit) mid-data li kien haqqu jsir bhal ma saru shabu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fl-1 ta' Ottubru 1997 ir-rikorrent Gaetano Falzon kien ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hu ilu jahdem mal-Bank of Valletta mill-1976 u kien ilu fil-grad sa mill-1976 u kien ilu fil-grad ta' Supervisor II/A minn 1987 u kemm il-darba kien responsabbli mit-tmexxija ta' dipartiment jew sezzjoni.  Illi huwa kemm kien ilu jahdem il-Bank qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu imma dejjem kellu kliem ta' tifhir dwar ix-xoghol li ghamel mis-superjuri tieghu  u li huwa kien dejjem ghamel ix-xoghol bl-aktar abilita` u efficjenza u lejalta`.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant kien talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-

promozzjoni ta' Manager mid-data li kien haqqu jsir bhal ma saru shabu u li jigi kumpensat ghall-flus li tilef konsegwenza tat-transfer li jinghata, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma kien ezercita transfers vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Gaetano Falzon in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi trasferit minn post ghall-iehor wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Gaetano Falzon ma kienx allega fl-ebda waqt li nghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma fehemx liema pregudizzju allega l-istess Gaetano Falzon.

Illi l-artiklu 6(1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn il-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

***It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza <u>indebita</u> li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi ….***

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la kienet saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu xi ***distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita,*** tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant, l-intimat Bank of Valletta Limited, talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li dahal jahdem mal-Bank of Valletta fl-1976, fil-grad ta' Clerk. Semma li sussegwentement ha l-grad ta' Supervisor 1 u 2. Ippreciza li fl-1987 kellu l-grad ta' Supervisor 2, u kien hadem f'diversi branches tal-bank, u qatt ma kellu rapporti hziena fil-konfront tieghu. Anzi, qal, li kellu kliem ta' tifhir mis-superjuri tieghu, kif jirrizulta mill-appraisal reports. Semma wkoll li hu dejjem kellu responsabbiltajiet akbar mill-grad tieghu, fil-fatt kien jaghmel xoghol ta' internal control officer go San Giljan meta l-grad tieghu kien ta' Supervisor 2. Qal li kkontribwixxa wkoll meta beda jahdem il-Premises Department. Zied ighid li kellu r-responsabbilta` wkoll li jmexxi dipartiment gdid, li kien, il-'Foreign Cash Department'. Qal li kien wiehed minn dawk maghzulin biex jaghmlu xoghol gewwa d-'Documentary Credits Centre' fejn kien isir xoghol ta' natura delikata, u diversi Managers mal-Bank xtaquh imur jahdem fil-Branch taghhom. Hu qal dan kollu, peress li hassu li gie maqbuz fil-promozzjonijiiet ghal Assistant Manager, minkejja din l-esperjenza kollha li kellu. Hu hass li dawk li hadu l-promozzjoni qablu, kellhom inqas esperjenza minnu.

In kontro-ezami, qal li fl-ahhar ghaxar snin kien hemm 3 jew 4 ezercizzji tal-promozzjonijiet. Semma lil James Marston, John Galea, Maurice Callus u Emily Grech li kienu dahlu warajh mal-Bank u hadu l-promozzjoni. Qal li jaf li kien hemm ftehim bejn il-Bank u l-Union, li l-grad ta' Assistant Manager kien ser jigi abolit. Qal li jaf li minhabba dan il-ftehim, il-maggoranza ta' dawk li kienu qed jiehdu l-promozzjoni kienu minn Assistant Managers. Qal li hu hass li saret ingustizzja mieghu peress li jaf min kellu seniority anqas minnu u ha l-promozzjoni qablu. Qal li fil-passat kien ha promozzjoni b'pass imghaggel, kien

mill-grad ta’ Supervisor 1 ghal Supervisor 2. Qal li llum jinsab Manager B.

Hu esebixxa dokument a fol 110 li juri l-postings tieghu mal-Bank. Ipprezenta wkoll dokument a fol 111 li juru d-doveri tieghu. Il-memo a fol 112 turi li kellu jirriplejsja l-Manager, u lis-Supervisor fl-assenza taghhom.

Xehed Mario Grima Senior Manager mal-Bank of Valletta, li qal kien ghamel zmien Manager San Giljan mill-5 ta’ Novembru 1990 sa Frar 1993, u r-rikorrent kien ghamel ghaxar xhur jahdem mieghu. Qal li l-grad tar-rikorrent kien ta’ Supervisor 2. Qal li r-rikorrent dejjem kien efficjenti fuq xoghlu, u dejjem ghamel xoghlu sew.

In kontro-ezami, spjega li l-gradi mal-Bank of Valletta huma l-General Manager, id-Deputy General Manager, l-Assistant General Manager, u wara dawk hemm zewg gradi ta’ Managers, wara Senior Manager, u wara Manager A u Manager B. U qal li wara dawk, hemm zewg gradi ta’ Supervisor. Hu spjega li l-vakanzi fil-gradi jkunu dejjem skond l-esigenzi tal-Bank. Hu kkonferma wkoll li l-promozzjonijiet fil-Bank huma prerogattiva tal-Management tal-Bank, dejjem skond il-collective agreement.

Xehed Anthony Azzopardi Manager fil-Foreign Department fil-Branch ta’ Republic Street, il-Belt. Qal li hu kien ghamel zmien bhala Assistant Manager fil-Branch ta’ San Gwann fejn ir-rikorrent kien jahdem mieghu hemm ghal sitt snin. Qal li r-rikorrent, dak iz-zmien kellu l-grad ta’ Supervisor 2 u qal li r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu sew, u kien hemm perjodu ta’ sentejn meta x-xoghol irdoppja u r-rikorrent kien mar tajjeb hafna. In kontro-ezami, qal li kien hemm tnejn ohra fil-Branch ta’ San Gwann bhala Supervisors, li kienu tajbin fuq xoghlhom ukoll, peress li hemm numru ta’ nies validi f’xoghlhom.

Xehed Reuben Saliba Head tas-Small and Medium Enterprices Unit tal-Bank of Valletta, li qal f’xi zmien kien Assistant Manager, fil-Marsa Cross Road Branch, fejn kien jahdem id f’id, mar-rikorrent ghal madwar xi sena.

Iddeskriva lir-rikorrent bhala bniedem metikoluz hafna fuq xoghlu, hekk kif irrizulta mir-rapport annwali tieghu. Qal li r-rikorrent kien imur tajjeb kemm mal-klijenti kif ukoll mal-istaff. Qal li hemm fil-Branch tal-Marsa, Falzon kellu xoghol diversifikat, kien ha hsieb is-sistema tal-arkivji u kien ghamel xoghol fil-foreign. Zied ighid li mir-rekord tieghu, Falzon kellu ingredjenti u l-kwalitajiet kollha biex jilhaq f'Managerial Grade. In kontro-ezami, qal li anke hu kellu kawza quddiem dan it-Tribunal.

Xehed Alfred Pace Head tal-Personnel Department fil-Bank of Valletta li spjega li skond il-collective agreement tal-Bank, il-promozzjonijiet iridu jinghataw abbazi ta' hames kriterji, li huma aptitude, merit, kwalifiki, esperjenza u seniority, izda l-piz li jinghata lil kull kriterju, jista' jvarja skond il-vakanza. Qal li l-kulur politiku ma jittehidx in konsiderazzjoni. Fir-rigward tal-files personali tal-kandidati, il-membri tal-bord iridu jkunu tlieta li jaraw il-files qabel ma jsiru l-intervisti.

Qal li fl-ezercizzju tal-1990, is-sistema tal-promozzjonijiet kienet ghad ma gietx zviluppata. Li setgha ighid hu, li kienu ser jaghtu numru ta' promozzjonijiet fi gradi manigerjali, fejn il-Bank kien iddecieda li jaghti promozzjoni lil numru ta' impjegati kwalifikati. Hu semma li t-tnax l-ohra li kienu fl-istess grad tar-rikorrent li hadu l-promozzjoni dakinhar, kienu kollha kwalifikati.

Qal ukoll li fl-ezercizzju tal-1992, kien hemm 131 kandidat li applikaw ghal Manager 1, u l-Bord kien applika l-hames kriterji fil-ftehim kollettiv. Spjega li fl-ahhar, inghataw 45 promozzjoni ghal Manager 1, 27 minnhom kienu mill-grad ta' Assistant Manager u 18 mill-grad ta' Supervisor 2. Zied ighid li kien hemm il-ftehim stipulat li kellhom isiru 60% mill-grad ta' Assistant Manager u 40% mill-grad ta' Supervisor 2, sakemm kellu jispicca gradwalment il-grad ta' Assistant Manager. Semma li hdax mit-18 li saru Supervisor 2, kienu kwalifikati b'Diploma jew Degree. Zied ighid li fl-ezercizzju tal-1995, il-Bord raw il-files personali tal-kandidati qabel l-intervista. Qal li kienu applikaw 91 kandidati, u ntaghzlu 25 bil-proporzjon ta'

60% u 40% u ghalhekk kellhom jintghazlu 10 mill-grad ta' Supervisor 2.

Hu ppreciza ukoll li s-seniority hu wiehed biss mill-kriterji li fuqhom jinghataw il-promozzjonijiet, u semma li fil-fatt f'Marzu 1987, meta r-rikorrent kien Supervisor 2, kien lahaq qabel haddiehor fejn jidhol seniority.

In kontro-ezami, qal li r-rikorrent kien eligibbli ghall-promozzjoni tal-1990. Qal li fl-1992, il-promozzjonijiet, kienu qed isiru b'mod formali, bil-kriterji u l-marki allokati ghalihom. Hu esebixxa dok a fol 70, li hi c-cirkolari li turi r-rizultat tal-promozzjoni tal-1992, u qal li r-rikorrent kien gie d-49 post fl-ezercizzju ta' Supervisor II. Gew esebiti ukoll a fol 74. Hu esebixxa dok a fol 79, il-breakdown tal-marki tar-rikorrent fiz-zewg promozzjonijiet tal-1992 u l-1995. U pprezenta a fol 81 l-lista ta' dawk kollha li hadu l-promozzjoni. Hu esebixxa l-Executive Committee paper u r-rapport tal-Bord minn 86 sa 92. Fir-rigward tal-promozzjoni tal-1995, esebixxa r-rapport tal-promozzjonijiet u l-Executive Committee Resolution, kif ukoll il-final order of merit, minn fol 94 sa 101.

Xehed <u>Rene` Formosa</u> li qal kien fis-Selection Bord fil-promozzjonijiet tal-1992 minn Supervisor 2 ghal Manager I. Qal li huma kienu raw il-files tal-kandidati u ghamlu l-intervisti. Qal li bbazaw l-assessments taghhom fuq il-kriterji fuq kwalifiki, seniority, aptitude, experience u merit. Qal li kull membru tal-Bord kien jaghti l-marki, imbaghad fl-ahhar jinghaddew il-marki u tinghata marka minn 100. Rigward merit dan gie assessjat mill-bord fuq il-file bhal xoghol li jkun ghamel kandidat u l-importanza tax-xoghol waqt li dwar aptitude wiehed jezamina l-kapacita` tal-kandidat. Dwar esperjenza analizzaw ix-xoghol allokat lil-kandidat u d-diversi esperjenzi li kellu mal-bank. Semma li fir-rigward tal-kriterji tas-seniority, raw kemm il-kandidat ikun ilu jokkupa dak il-grad partikolari li jkun fih, u dan dejjem abbazi tal-collective agreement. Qal ukoll li fl-1992, sar ezercizzju iktar trasparenti milli kien sar qabel, kienet saret intervista u kien hemm il-kriterji stabbiliti u kollox kien car. Qal li kienet ittiehdet decizjoni fuq talba tal-Unions, li fil-promozzjonijiet ghal Manager I, kellhom

isiru 6 minn Assistant Manager u 4 minn Supervisor 2, kien gie miftiehem dwar dan il-persentagg. Qal ukoll li mir-rizultat tal-1990 ghal Manager I jidher li kien hemm tahlita minn dawk li ntghazlu miz-zewg Unions, il-General Workers' Union u l-Malta Union of Bank Employees. Zied ighid li kienu jassenjaw il-kandidati ghall-promozzjonijiet mill-personal files, u kif ukoll mit-taghrif personali taghhom, u min-naha tal-management li jkunu jafu dwar l-impjegati. Il-personal files huma determinanti u ghandhom importanza.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph V. Gatt</u> li fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew ikkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabba l-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 'l hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassessja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju

partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata weighting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista' jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista' jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti.  Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kenitx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti.  Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u mbaghad wara jsiru l-interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling Interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju.  Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex itejjeb il-performance tieghu u b'hekk itejjeb konsiderevolment ic-

cansijiet tieghu ghal ezercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro-ezami, fil-kawza Mario Zarb vs Bank of Valletta li giet tifforma parti mill-process b' ordni tat-Tribunal qal li qabel l-1992 il-promozzjonijiet kienu jsiru b'mod li l-bord jiltaqa', janalizza l-files, jaghmel ir-rakkomandazzjoni, izda l-bord kien oggettiv kemm jista' jkun. Izda qal li mill-1992, fl-ezercizzju, kienet qed issir intervista ukoll, u bdew isiru iktar b'mod formali u dokumentat bid-diversi marki li jinghataw lill-kandidati, u allura beda jkun hemm iktar trasparenza.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikorrent applika ghall-promozzjoni ghal grad ta' Manager diversi drabi. Hu ilu joppupa mill-1987 il-grad ta' Supervisor II / A. Ma hemmx dubju li r-rikorrent hu bniedem kapaci u gie hekk deskritt minn diversi persuni. Irrizulta wkoll li qabel 1987 kellu promozzjonijiet moghtija lilu mhux skond is-seniority.

Dwar promozzjonijiet it-Tribunal dejjem zamm il-principju li stqarr fis-sentenza tal-kawza flismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998. Hemm qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

A] Ir-rikorrent applika ghall-***promozzjoni fl-1990***. Skond il-ftehim kollettiv mal-Bank, il-promozzjonijiet iridu jinghataw abbazi ta' hames kriterji, li huma aptitude, merit, kwalifiki, esperjenza u seniority, izda l-piz li jinghata lil kull kriterju, jista' jvarja skond il-vakanza. Fl-ezercizzju tal-1990, is-sistema tal-promozzjonijiet kienet ghadha ma gietx zviluppata. Il-Bank kien iddecieda li jaghti promozzjoni lil numru ta' impjegati kwalifikati. Applikaw 91, u hadu l-promozzjoni 25. It-tnax l-ohra li kienu fl-istess grad tar-rikorrent li hadu l-promozzjoni dakinhar, kienu kollha kwalifikati. Ir-rikorrent ma kellu ebda kwalifika. Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghall-promozzjonijiet tal-1990 mhix gustifikata u t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Bank intimat.

B] Ir-rikorrent applika ghall-***promozzjoni fl-1992*** b'effett mill-1 ta' Novembru, 1992. Fl-ezercizzju tal-1992, kien hemm 131 kandidat li applikaw ghal Manager 1, u l-Bord kien applika l-hames kriterji fil-ftehim kollettiv. Fl-ahhar, inghataw 45 promozzjoni ghal Manager 1, 27 minnhom kienu mill-grad ta' Assistant Manager u 18 mill-grad ta' Supervisor 2 u dan ghax kien hemm il-ftehim stipulat li kellhom isiru 60% mill-grad ta' Assistant Manager u 40% mill-grad ta' Supervisor 2, sakemm kellu jispicca gradwalment il-grad ta' Assistant Manager. Il-Bord kien kompost minn tlitt General Managers, Deputy General Manager, u Assistant General Manager. Hdax mit-18 li saru minn Supervisor II, kienu kwalifikati b'Diploma jew Degree. Ir-rikorrent ma kellu ebda kwalifika.

F'dawn il-promozzjonijiet skond l-iskeda esibita a fol 74 tal-process l-marki allokati kienu fuq il-bazi ta'

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seniority | 50 | - | 10% |
| Kwalifiki | 75 | - | 15% |
| Merit | 150 | - | 30% |
| Aptitude | 75 | - | 15% |
| Experience | 100 | - | 20% |
| Interview | 50 | - | 10% |

Minghajr ebda ezitazzjoni t-Tribunal jghid li l-allokazzjoni ma tghogbux u hi totalment diskrezzjonali b'mod li minn

jintghogob mill-Bord isir. Kriterji oggettivi hemm biss Seniority u Kwalifiki ghax l-ohrajn kollha moghtija l-marka allokata li jidhirlu l-Bord. Ghalhekk 75% tal-marki huma suggettivi. Mhux hekk biss ghal kariga gholja ta' Manager ghal kwalifiki inghataw 15% biss u ghall-interview wahdu 10%.

Hawnhekk il-marki allokati lir-rikorrent, Emily Grech, u Maurice Callus kienu hekk:

| | **Seniority** | **Kwalifiki** | **Merit** | **Aptitude** | **Experience** | **Interview** | **Total** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Allokati | 50 | 75 | 150 | 75 | 100 | 50 | | |
| % | 10 | 15 | 30 | 15 | 20 | 10 | 100 | |
| Rikorrent | 46 | 0 | 92 | 49 | 51 | 29 | 267 | |
| Grech | 30 | 0 | 112 | 62 | 73 | 37 | 314 | |
| Callus | 40 | 0 | 123 | 60 | 63 | 36 | 322 | |

Wiehed jinnota li ghalkemm Seniority tar-rikorrent kienet superjuri anke f'experience gie allokat marki anqas minn Grech u Callus. Fil-fehma tat-Tribunal l-allokazzjoni tal-marki trid tinbidel jekk trid tkun gusta. L-ewwel nett il-kriterju tas-seniority trid talloka 25% tal-marki u dik tal-kwalifiki ghal grad ta' manager ghandu jkollha 35% u b'hekk il-kriterji oggettivi jkollhom ghall-anqas 60% tal-marki. L-erba' kriterji l-ohra tal-marki u cioe` Merit, Aptitude, Experience u Interview jinghataw 10% kull wahda u dan biex ma jkunx hemm kambjamenti kbar hafna. Fl-ahhar jekk ikun hemm differenzi zghar u vicini ikun obbligu tat-Tribunal biex jezamina l-fattispecji tal-kaz jimmeritawx xi kambjamenti zghar.

Meta wiehed japplika l-principji msemmija hawn fuq ir-rizultat ikun:

| | **Senio** | **Kwa** | **Merit** | **Aptit** | **Experi** | **Inter** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | **rity** | | **lifiki** | | | | **ude** | | **ence** | | **view** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Allokati | 50 | | 75 | | 150 | | 75 | | 100 | | 50 | | | |
| % | 10 | | 15 | | 30 | | 15 | | 20 | | 10 | | 100 | |
| Rikorrent | 46 | 115 | 0 | 0 | 92 | 30.7 | 49 | 32.7 | 51 | 25.5 | 29 | 29 | 267 | 233 |
| Grech | 30 | 75 | 0 | 0 | 112 | 37.3 | 62 | 41.3 | 73 | 36.5 | 37 | 37 | 314 | 227 |
| Callus | 40 | 100 | 0 | 0 | 123 | 41 | 60 | 40 | 63 | 31.5 | 36 | 36 | 322 | 249 |

Illi ghalhekk meta wiehed juza l-allokazzjoni ta’ marki li giet moghtija mill-persuni li ghamlu l-intervista izda b’ apporzjonament differenti minn dak li ghamlu huma u cioe` billi giet moghtija aktar importanza lill-kriterji oggettivi ta’ seniority (25%) u kwalifiki (35%) li fil-fehma tat-Tribunal hija ferm aktar gusta u mhux daqshekk diskrezzjonali jirrizulta li r-rikorrent kien jikkwalifika ghall-promozzjoni li dwarha ilmenta u cioe` ta’ Manager I.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-promozzjoni tal-1992 ghalkemm jilqaghhom dwar dawk tal-1990, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment dwar il-promozzjoni tal-1992 gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Manager I b’effett mill-1992 mill-istess data li nghatat lill-persuni l-ohra u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------